**Laqgha Numru 22/K6/2010 – Laqgha b'Urgenza**

**Introduzzjoni**

It-Tnejn u Għoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Novembru 2010. L-Agenda kienet:

**01. L-Appell Mario Mallia vs il-Kunsill Lokali Pembroke.**

## 01. L-Appell Mario Mallia vs il-Kunsill Lokali Pembroke.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ta rendikont lill-membri tal-Kunsill tal-laqgha li saret ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar dan is-suggett fejn qal li kien hemm diversi alternattivi. Il-kelliem qal li l-kaz ta' l-Appell ser ikompli jinstema' nhar it-18 ta' Jannar 2011.

1.02. Saret diskussjoni bil-partecipazzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill specjalment tas-Sindku Joe Zammit, tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u tal-Kunsillier Lauro Fava li kienu t-tlett membri tal-Kunsill fuq il-Bord ta' l-Ghazla meta ntghazlet l-offerta ta' l-OPAL.

1.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat staqsiet jekk il-Kunsill kienx ha xi passi sabiex l-OPAL igedded il-Garanzija Bankarja minhabba li fin-nuqqas ta' OPAL, il-Kunsill spicca mpotenti quddiem din is-sitwazzjoni.

1.04. Is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qalu li ma jidher li hemm xejn x'izomm lill-kuntrattur milli ma jgeddiedx il-Garanzija Bankarja u dan sakemm ma jkunx inbeda x-xoghol, fejn il-Kunsill ikun jista' jzomm il-pagamenti.

***1.05. Fis-6.00pm, il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

1.06. Permezz tat-telefon, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel komunikat ma' l-Avukat tal-Kunsill dwar punt tekniku fejn dwar jekk min issottometta t-tenders setax joffri alternattivi kif fil-fatt ghamel l-OPAL.

1.07. Wara aktar diskussjonijiet kien hemm qbil li l-membri tal-Kunsill jintbaghtilhom kopja tat-tender u l-General Conditions.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li, kif issuggerit mill-Avukat stess, il-Kunsill ghandu jitlob lill-Avukat jipprepara ittra li ghandha tintbaghat lil OPAL fejn jigi nfurmat u

jikkonferma li bl-azzjoni tieghu li ma geddiedx il-Garanzija Bankarja, qed ifisser li m'ghadux interessat li jaghmel ix-xoghol u li m'ghandu ebda pretenzjoni mill-Kunsill.

1.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li r-risposta ta' l-Avukat ghandha tasal ghand il-Kunsill sa nhar l-Erbgha 24 ta' Novembru 2010.

1.10. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Lauro Fava vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

1.11. Il-mozzjoni ghaddiet.

1.12. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |